MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 6/1998/2

**Carmelo Farrugia u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph, Neville, Victor, Rosette, Mario u Noel ahwa Farrugia bhala eredi ta' Carmelo Farrugia, Vincenzo Farrugia, Spiridione Farrugia, Guido Farrugia, Lucy armla minn Domenico Farrugia, Joseph Farrugia u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2004 gie kjamat fil-kawza Michael Cassar Desain, Winifred mart Austin Muscat Scerri u b'digriet tas-27 ta' April 2001 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Austin Muscat Scerri, armel ta' Winifred, Erica xebba, Maria mart Vanni Hili u Domica mart Wallace Fino minflok il-mejta Winifred Muscat Scerri mart Austin Muscat Scerri**

**vs**

**L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit, Charles Cachia Zammit Cachia Zammit f'ismu proprju u bhala mandatarju generali ta' Joseph Cachia Zammit, Vincent Cachia Zammit, Suor**

**Colomba fis-seklu Camilla, il-Perit Arkitett u Inginjier Civili Richard England Sant Fournier, Mary armla minn Anthony Falzon Sant Manduca, Veneranda *sive* Wanda Bradshaw armla min John Bradshaw f'isimha proprju u bhala mandatarja generali ta' Marianne mart Keith Begot, Philip Bradshaw, Richard Bradshaw u Maureen Crossey, il-Markiza Evelyn armla minn James Cassar Desain, Veronica mart Bernard Brockdorff f'isimha proprju u bhala mandatarja generali ta' Lawrence Cassar Desain, Anne mart Mario Said, Christine mart Lino Delia, f'isimha proprju u bhala mandatarja generali ta' Nathaline mart Paul Saville Lilian Ina mart John Bugeja, Berta mart Joseph Camilleri, Alfred Falzon Sant Manduca, Sean Bradshaw, Caroline mart Joseph Falzon u Anna mart Godfrey Abela, u b'digriet tad-9 ta' Gunju 1999 u tat-22 ta' Gunju 1999 l-atti gew mghoddija wkoll fis-segwenti:**

**1. Lawrence u Richard ahwa Cachia Zammit**
**2. Raymond Cachia Zammit, Anna mart Raphael Zammit u Richard Cachia Zammit**
**3. Charles u Joseph ahwa Cachia Zammit u Vincent Cachia Zammit**

**Marion mart Keith Legault, Marueen mart Robert Crossey u Richard Bradshaw, Philip Bradshaw, Caroline mart Joseph Falzon, Anna mart Godwin Abela u Sean Bradshaw (ara pagna 19 u 22) u dan minhabba l-mewt fil-mori tal-kawza ta'Joseph Cachia Zammit, Vincent Cachia Zammit, Suor Colomba u Veneranda Bradshaw**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Ottubru, 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Ic-"Chairman" tal-Bord,
>
> Ra c-citazzjoni in esami li biha l-atturi wara li ppremettew:

Peress li b’sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera moghtija fis-7 ta’ Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet “L’Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrrugia et” (Rik Nru 64B/93) gie deciz illi l-atturi odjerni jigu zgumbrati mill-fond Numru 251 Triq ir-Repubblika, Valletta fi zmien tliet xhur mid-data tal-istess sentenza, peress li l-atturi intavolaw citazzjoni quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn qed jitolbu t-thassir tas-sentenza fuq imsemmija tas-7 ta’ Jannar 1998 ai termini tal-Artikolu 811(L) tal-Kap 12, peress li flimkien ma din ic-citazzjoni l-atturi taw garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija jekk din ma tigix imhassra, peress illi jekk is-sentenza tas-7 ta’ Jannar 1998 tigi esegwita minkejja talba tal-atturi ghar-ritrattazjoni, huma sejrin jissubixxu pregudizzju akbar milli t-twaqqif tal-esekuzjoni tas-sentenza tikkaguna lill-konvenuti.

Talbu sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex dan il-Bord ma ghandux:

1. Jordna t-twaqqif tal-esekuzjoni tas-sentenza moghtija minnu fis-7 ta’ Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet “L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrugia et” (Rik Nru 64B/93) kif intqal fuq ghar-ragunjiet imsemmija.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni tal-fatti, guramentata minn Joseph Farrugia (fol 3 tal-atti) u li biha esponew bir-rispett:-

1. Peress illi b’sentenza mghotija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 ta’ Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet “L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrugia et “ (Rik Nru 64 B/93) il-Bord ikkundanna lill-atturi

odjerni biex jizgumbraw mill-fond kummercjali 251 Triq ir-Repubblika, Valletta fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza.
2. Peress li l-esponenti intavolaw citazjoni quddiem dan il-Bord, fejn qed jitolbu t-thassir tas-sentenza tas-7 ta' Jannar 1998 u r-ritrattazzjoni tal-istess ai termini tal-Art 811(L) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.
3. Peress li flimkien ma din ic-citazzjoni l-atturi taw garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza jekk din ma tigiex imhassra.
4. Peress illi jekk is-sentenza tas-7 ta' Jannar 1998 tigi esegwita minkejja talba tal-atturi ghar-ritrattazzjoni huma sejrin jissubixxu pregudizzju akbar milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna lill-konvenuti.
5. Illi ghalhekk l-atturi qedghin jghamlu l-odjerna kawza.

Ra kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa mal-istess dikjarazzjoni.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 8 ibid) u li biha eccepew reverendament:-

1. Illi l-azzjoni attrici hija konnessa ma' azzjoni ohra ta' ritrazzjoni pprezentata kontestwalment mill-istess atturi, liema azzjoni konnessa qieghdha tigi bbazata fuq dispozizzjonijiet zbaljati tal-ligi, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi, inoltre, il-fatti u r-ragunijiet spjegati mill-atturi fl-imsemmija azzjoni konnessa, ma jinkwadrawx ruhhom fid-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu minnhom citat bhala bazi ghar-ritrattazzjoni minnhom mitluba.
3. Illi, barra minn hekk, il-fatti illi fuqhom l-atturi qeghdin jitolbu r-rimedju ta' ritrattazzjoni fil-kawza konnessa, huma ghal kollox infondati, kemm bhala fatt u kif ukoll fid-dritt;
4. Illi, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq spjegati, it-talbiet attrici f'din l-istanza huma insostenibbli u

jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.
5. Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjoni attrici illi l-istess atturi jistghu jissubixxu pregudizzju akbar bl-ezekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Jannar 1998, mill-pregudizzju li tista' tikkaguna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tal-istess sentenza lill-esponenti.

Ra' d-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata mit-Tabib Alexander Cachia Zammit (fol 9 ibid) u li biha esponew bir-rispett:

1. Illi l-azzjoni attrici hija konnessa ma' azzjoni ohra ta' ritrattazzjoni pprezentata kontestwalment mill-istess atturi, liema azzjoni konnessa qieghdha tigi bbazata fuq disposizzjonijiet zbaljati tal-ligi.
2. Illi, in oltre, il-fatti u r-ragunijiet spjegati mill-atturi fl-imsemmija azzjoni konnessa, ma jinkawdrawx ruhhom fid-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu minnhom citat bhala bazi ghar-ritrattazzjoni minnhom mitluba.
3. Illi, barra minn hekk, il-fatti illi fuqhom l-atturi qeghdin jitolbu r-rimedju ta' ritrattazzjoni fil-kawza konnessa, huma ghal kollox indondati, kemm bhala fatt u kif ukoll fid-dritt.
4. Illi, ghar-raginijiet kollha hawn fuq spjegati, it-talbiet attrici f'din l-istanza huma insostenibbli u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
5. Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjoni attrici illi l-istess atturi jistghu jissubixxu pregudizzju akbar bl-ezekuzzoni tas-sentenza tas-7 ta' Jannar 1998, mill-pregudizzju li tista' tikkaguna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tal-istess sentenza lill-esponenti.

Ra kif ukoll il-lista ta' xhieda annessa mal-istess dikjarazzjoni (fol 10 ibid)

Ra l-atti kollha tal-kawza, annessi ma' din kif ukoll mac-citazzjoni numru 5C/98.

> Filwaqt li jaghmel referenza ghac-citazzjoni gja msemmija minn 5C/98 fl-istess ismijiet u deciza illum stess mill-istess Bord kif presjedut.
>
> Ghall-istess ragunijiet u motivazzjonijiet premessi u moghtija fl-istess sentenza b'referenza ghac-citazzjoni numru 5C/98. Tichad it-talba attrici waqt li l-ispejjes tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza u talbu r-revoka taghha bil-premessa illi huma appellaw ukoll mis-sentenza li biha l-Bord li Jirregola l-Kera cahad it-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni tal-kawza;

Bis-sentenza moghtija kontestwalment illum fuq appell fil-kawza per Citazzjoni Numru 5/98 bejn l-istess partijiet din il-Qorti ma laqghetx it-talba ta' l-appellanti biex id-decizjoni tal-Bord tas-6 ta' Ottubru 2008 tigi mhassra, u dan ghall-konsiderazzjonijiet f'din l-istess sentenza dedotti;

Jinzel b'konsegwenza illi gjaladarba dik il-procedura l-ohra ghar-ritrattazzjoni kellha ezitu negattiv ghall-atturi ritrattandi ma jifdal xejn allura x'josta ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet inversi (Rikors Numru 64B/93). It-talba ta' l-appellanti biex din il-Qorti twarrab id-decizjoni tal-Bord tas-6 ta' Ottubru 2008 in mertu ma tistax konsegwentement tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata li biha rrespingiet t-talba ta' l-atturi ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord tas-7 ta' Jannar, 1998 (Rikors Numru 64B/93) bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------